# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA KLEMENT VIII**

IPPOLITO ALDOBRANDINI twieled fl-24 ta' Frar 1535 gewwa Fano. Studja f'Padova, Perugia u partikolarment f'Bolonja fejn ha l-lawrja fil-gurisprudenza. Gie nominat



kardinal fis-sena 1585 u sena wara kien mibghut bhala Legat tal-Papa fil-Polonja. Il-konklavi mqanqal li nfetah wara l-mewt ta' Innocent IX dam



xahar biex wasal ghal ghazla. Kien fit-30 ta' Jannar 1592 li fost il 52 kardinal prezenti kien elett il-kardinal Aldobrandini li ha l-isem ta' Klement VIII.

Il-papa l-gdid habrek biex ir-riforma kattolika tkun imxerrda ma' diversi pajjizi. Huwa gharaf lir-re Neriku IV bhala re legittimu ta' Franza, li sentejn qabel haddan il-kattolicizmu u perkonsegwenza hassar l-bolla ta Sistu V li ddikjarah eretiku. B'hekk heles lil Franza minn trionf protestant. Il-Papa l-gdid kellu rebha ohra ghaliex bid-diplomazija ghaqlija tieghu rnexxilu iqarreb lil Franza u Spanja u t-tnejn iffirmaw trattat ta' paci.

Klement VIII hadem biex isehh il-paci bejn Neriku IV re ta' Franza u d-Duka ta' Savoia Carlo Emanuele. Imma ma damx ma nduna li quddiemu kellu ghadma iebsa ghaliex hadd ma ried icedi. Franza riedet il-markesat ta' Saluzzo u d-duka ma kellux intenzjoni li jciedhielu. Pero' iz-zwieg bejn Neriku IV ma' Marija de Medici kienet okazzjoni biex iqieghed pjan iehor. Filwaqt li approfitta ruhu minn din ic-cirkustanza, huwa baghat il-

kardinal Pietru Aldobrandini, in-neputi tieghu biex ibierek iz-zwieg taghhom u jibda negozjati godda. Il-medjazzjoni kienet iebsa izda s-success kien kbir. Fis-16 ta' Jannar iffirmaw t-tratt ta' Lione fejn kulhadd ceda xi artijiet u ha ohrajn bi tpartit.

Ma' Gakbu I Stuart ma irnexxilux jistabilixxi l-kattolicezimu gewwa l-Ingilterra u l-progett li jokkupa lil Kostantinopli kien falliment.

Bil-bolla tieghu "Annus Domini placabilis" fid-19 ta' Mejju 1599 Klement VIII habbar il-Gublew ghas-seklu il-gdid. Fit-30 ta' Ottubru baghat ittra lil isqfijiet kollha fejn esorthom biex ihejju lill-fidili ghal dan iz-zmien ta' gid spiritwali. Il-Bieb Imqaddes (Porta Santa) gie miftuh xi ftit tal-granet wara l-Milied jigifieri fil-31 ta' Dicembru minhabba attakk ta' gotta li hakem lill-papa. Madankollu ma naqqas xejn mill-kobor tac-ceremonja fejn il-qniepen tal-knejjes kollha ta' Ruma daqqew mota ferrieha u l-kanuni ta' Sant'Anglu sparaw tiri ta' kanuni bhala sinjal tas-sena gubilari. Il-

kundizzjonijiet tas-soltu applikaw, fosthom li ma jghollewx il-prezzijiet, u l-festi tal-karnival thassru. Xi zmien qabel inbniet dar fejn l-isqfijiet u s-sacerdoti kienu milqugha. Il-Gublew tas-sena 1600 kien wiehed li kulhadd jibqa' jiftakru. L-attendenza kienet wahda impressjonanti. F'Ruma li kienet tghodd dak iz-zmien mal-100,000 abitant, marru madwar tlett miljun pellegrin, 200,000 fil-jum ta' l-Ghid, li lilhom il-Papa ikkonceda indulgenza plenarja bil-patt li jinvistaw 15 il-knisja jekk huma barranin, u tletin knisja jekk rumani.

Klement VIII ta ezempju mill-aqwa meta kien iservi u jaqdi l-pellegrini, billi jisma' l-qrar, jitla' gharkubtejh lis-Skala Santa, jiekol kuljum ma' tnax-il fqir, u jmur personalment fil-postijiet ta' pentienza biex jara li l-kundizzjonijiet huma xierqa u kollox miexi sew filwaqt li l-kardinali bhala sinjal ta' penitenza ma kienux jilbsu l-propra. Hafna ghenu biex il-Gublew ikun success. Il-konfraternita' ta' San Filippu Neri kienet bhas-soltu fuq quddiem nett, mghejjuna mill-ghaqda ta' San Camillo de Lellis biex ikunu ta' sostenn ghall-pellegrini.

Klement VIII talab lil Filippu re ta' Spanja biex iforni l-qamh lil Sqallija; il-vici re ta' Napli wasal Ruma u offra rigal ta' rispett lill-Papa ta' 800 ziemel kollha liebsa ghall-festa. Meta wasal biex jaghlaq il-Gublew fil-31 ta' Dicembru 1600, kellhom imexxu c-ceremonja ghat-13 ta' Jannar minhabba li l-Papa kien rega' marad.

Klement VIII huwa l-Papa imlaqqam il-Papa tal-Kafe'. Meta din ix-xarba dahlet fil-kultura kattolika, kellha hafna oppozizzjoni. Minhabba li kienet preparazzjoni musulmana, il-kleru formalment talab lill-Papa biex jipprojbiha. Imma leggenda tirrakonta li Klement VIII meta sema' li din ix-xarba kienet invenzjoni tax-xitan, talab biex itoghma. Hekk kif ha l-ewwel belha qal hekk: "Tant hi tajba li huwa tassew dnub li thalliha biss ghal infidili." Dejjem skond il-leggenda huwa ghammed il-kafe biex jaghmel minnu xarba ta' grazzja ghal min jixorbu. Minn dak iz-zmien dan il-likwidu iswed xtered fl-Ewropa u sar xarba favorita ghal hafna u hafna nies. Bis-sahha t'hekk twieldu hafna hwienet tal-kafe gewwa Vienna, Londra, Parigi u Venezja.

Fis-sena 1592 kienet introdotta fil-knejjes ta' Ruma minn Klement VIII u fi djocesijiet ohra il-prattika tal-Kwaranturi (Erbghin Siegha Adorazzjoni) imwaqqfa f'Milan fis-sena 1527. Matul il-Papat tieghu saru bosta tentattivi biex isir l-ghaqda mal-knejjes Orjietali: il-legati tal-patriarka  Gabriele ta' Alessandra ghamlu professjoni tal-fidi kattolika gewwa Ruma imma l-patriarka successur tieghu rega' tbieghed mill-gdid.

Klement VIII kien mdawwar minn persuni ghaqlin biex imexxi l-knisja, bhal ma kienu il-kardinal Bellarmino, il-Baronio u ohrajn. Imma l-marda tan-nepotizmu ma kienx hieles minnha. Innomina zewg neputijiet tieghu bhala kardinali, lil Cinzio u Pietro Aldobrandini.

Bhal papiet ohra ta' qablu hu sviluppa l-bini artistiku. Is-sala tal-Koncistorju u s-sala Klementina (il-kamra ta' qabel ma wiehed jidhol fl-appartament tal-papa) huma opri tieghu, kif inhi hidma tieghu l-bini ta' Villa Aldobrandini gewwa Frascati, id-dar tas-sajf pontificja. Ikkummisjona wkoll fost l-ohrajn il-Manica Lunga, fejn

jghixu l-Gwardji Svizzeri, il-Kappella Pawlina, il-Kappella ta' l-Annunziata u bini iehor. Il-koppla ta' San Pietru tlestiet minn kollox taht il-papat tieghu.

Klement VIII miet fit-3 ta' Marzu tas-sena 1605 fl-eta' ta' 69 snin. Hu fetah is-seklu l-gdid.